**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Maurice Curmi]**

**vs**

**Christopher Borg**

**Kumpilazzjoni Numru: 966/15**

**Illum, 16 ta' Lulju, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Christopher Borg, detentur tal-karta tal-identità numru 248873M akkuzat talli fit-30 ta' Novembru 2014 ghall-habta tas-02:00 ta' filghodu f'post maghruf bhala l-*Maximus Club* sitwat fi Triq il-Korp tal-Pijunieri San Pawl il-Bahar, kif ukoll barra fi triq quddiem l-istabbiliment hawn fuq imsemmija, minghajr il-hsieb li

joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Stephen Galea detentur tal-karta ta' l-identità numru 241079(M), skont kif iccertifikat t-Tabib Sarah Borg Savona MD (Reg. 3797), tal-Isptar Mater Dei, ai termini tal-Artikoli 214, u 218 u tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna offiza hafifa fuq il-persuna ta' Raymond Agius detentur tal-karta tal-identita' numru 799554(M), ai termini tal-Artikoli 214, u 221 u tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 383 jew 384 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 12 ta' Gunju 2020 fejn gew elenkati l-Artikoli tal-Ligi li tahthom qed jigi mitlub li tinstab htija u cioè:-

- Fl-artikoli 214, 215, 217[1], u 218[2] tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 214, 215, u 221[3] tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, u 412C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 17, 31, 532A, 532B, u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li dawn l-Artikoli gew moqrija lill-imputat huwa ma sabx oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza b'mod sommarju;

Rat illi l-akkuzi gew formalment moqrija fis-seduta tas-16 ta' April 2018 minhabba n-nuqqas ta' attendenza jew tal-

[1] Kif kien qabel l-emendi introdotti permezz tal-Att XIII tal-2018.
[2] Kif kien qabel l-emendi introdotti permezz tal-Att XIII tal-2018.
[3] Kif kien qabel l-emendi introdotti permezz tal-Att XIII tal-2018, u tal-Att XXXII tal-2018.

ufficjal prosekutur jew tal-imputat fejn l-imputat wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u fejn anke wara tul il-proceduri kien hemm diversi drabi fejn l-imputat ma nstabx mill-prosekuzzjoni u l-anqas l-istess ufficjal prosekutur;

Semghet ix-xhieda kollha;

Semghet ukoll it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Semghet ix-xhieda bil-gurament ta' **Dr Sarah Borg Savona** li kkonfermat certifikat mediku mahrug minnha[4] fejn fit-30 ta' Novembru 2014 ezaminat lil Stephen Galea fl-Emergenza, fejn irrizulta illi dan kien qed isofri minn nefha kbira fil-wicc kif ukoll ksur multiplu fil-ghadam tal-wicc li rrikjeda li jigi ezaminat ulterjorment minn specjalisti tal-ENT u tal-Oftalmologija. Tghid illi dawn il-griehi kienu kompatibbli ma' *blunt trauma* u li gew klassifikati bhala gravi.

[4] Dok. SBS1.

Semghet ukoll lill-**Ispettur Maurice Curmi** li esebixxa l-istqarrija tal-imputat[5] fejn fiha l-imputat irrisponda ghad-domandi kollha mpoggija lilu u fejn irrakkonta verzjoni kemxejn differenti minn dik tal-parte civile u fejn jghid illi kienu tnejn minn nies li bdew jilletikaw bejniethom fuq xi flixkun Vodka u fejn huwa safa aggredit ghal xejn b'xejn. Hu jsemmi persuna li jisimha Luke u ohra li jghidulu l-*Bugann*. Jghid li dawn iz-zewg persuni kienu xurbana u kellu bilfors jiddefendi lilu nnifsu wara li huwa beda jaqla' minghandhom.

Dehru l-parte civile Raymond Agius u Stephen Galea li t-tnejn iddikjaraw bil-gurament li ma xtaqux jixhdu stante li ma ridux jinkriminaw lilhom infushom peress li kellhom proceduri pendenti kontrihom.

Xehed **Dr Mark Brincat** li kkonferma li kien iccertifika lill-imputat wara li ezaminah fid-data tal-incident fejn dan irriskontralu diversi feriti konsistenti fi tliet (3) lacerazzjonijiet tal-lemin tal-qurriegha li tnejn minnhom kellhom bzonn il-punti, kif ukoll tliet (3) lacerazzjonijiet ohra fuq il-hadd tax-xellug, ta' bejn wiehed u iehor hames (5) centimetri l-wahda li meta tarahom f'daqqa kienu

[5] Dok. MC3.

f'ghamla ta' cirku li dawn ukoll kellhom bzonn il-punti. Dawn il-griehi kienu klassifikati bhala gravi.[6]

F'seduta successiva xehed il-parte civile **Raymond Agius** li kkonferma li dakinhar tal-incident kien mar ma' Stephen Galea fil-bar *Maximus* izda jghid illi wara li kien xorob zewg drinks huwa qabdu nghas kbir u mar jorqod fuq sufan meta qamet kommossjoni shiha u harguh 'il barra. Jghid illi l-imputat ma jafux u ma jafx min kien tah daqqa.

Illi l-parte civile Stephen Galea qatt ma rega' gie riprodott biex jaghti l-verzjoni tieghu u l-anqas ma gie xi tabib sabiex jiccertifika l-griehi ta' Raymond Agius.

Illi din il-Qorti qed taghmilha cara li mhux ser tahli hin prezzjuz meta dawn il-proceduri kienu karenti ghall-ahhar minn kull prova essenzjali u indispensabbli sabiex kawza bhal din tirnexxi. Illi dan it-tort kien principarjament tal-ufficjal prosekutur li apparti d-diversi assenzi tieghu li kollha gew notifikati lill-Kummissarju tal-Pulizija, naqas milli jaghmel id-dover tieghu ta' ufficjal prosekutur. Dan ukoll meta l-Avukat Generali, meta rinfaccjat b'dawk it-tip ta' provi li qatt ma setghu jwasslu ghall-sejbien ta' htija

[6] Dok. MB1.

kellhom johorgu in-*nolle prosequi* minflok ma' hargu l-Artikoli li bihom jahsbu li ghandha tinstab htija. B'dan kollu gie kkreat hela ta' hin ghal kulhadd specjalment ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja!

Ghal dawn il-motivi l-imputat qatt ma jista' jinstab hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Ghal dawn il-motivi mhux qed ssib lill-imputat **Christopher Borg** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih stante li ma gewx ippruvati u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**